*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 23*

***5.30p.m 01 ta' Diċembru 2020***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *23.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

22.1.1 Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

## *23.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

23.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 22. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

23.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill ser jirċieva l-ammont ta' €8,000 mid-Dipartiment tal-Animal Welfare wara li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet aċċettata biex ngħinu lil dawk il-persuni li jitimgħu l-qtates fil-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li jkun ferm apprezzat li meta din it-tip t'informazzjoni tkun magħrufa jiġu nfurmati l-membri tal-Kunsill qabel ma tkun fuq facebook ħalli l-Kunsilliera jkunu jafu dawn l-affarijiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din l-osservazzjoni.

23.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li r-Reġjun Xlokk ser jagħti l-ammont ta' €1,500 lill-Kunsill Lokali sabiex jinħoloq website fuq paroċċa fil-lokalita', madankollu, l-Kunsill ser jirsisti biex tkun fuq iż-żewġ paroċċi tal-lokalita'. Apparti hekk il-Kunsill ser jingħata wkoll mir-Reġjun żewġ laned kbar ta' zebgħa bajda u żewġ kbar ta' żebgħa safra sabiex itaffu l-ispejjeż tal-Kunsill f'dak li huwa relatat mar-*refresh* taż-żebgħa fit-toroq.

## *23.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

23.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn li l-Kunsill jinforma lill-Transport Malta dwar l-istage li hemm wara l-pont t'Aldo Moro, hekk kif dan huwa mudlam ħafna. Apparti hekk hemm bżonn li tiġi rranġata tabella li qed tindika li ma tistgħax tidħol għal Triq it-Tromba meta fil-fatt din titsta' tidħol minna. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill li ser jinforma l-awtoritajiet kompetenti fuq dawn.

23.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li qed jissuġġerixxi li parti min Triq l-Iskola li tgħaddi għal Triq Simpson tiġi direzzjoni waħda. Wara diskussjoni qasira fost dawk preżenti, s-Sindku qal li wieħed irid jara l-impatt li dan jista' jkollu fl-akwata u toroq alternattivi li jridu jintużaw.

23.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jagħmel proposta ta' Bye Law dwar il-*heavy industry* għaż-żona tax-xatt fejn il-Kunsill jistabilixxi li xogħol b'makkinarju kbir irid jsir f'ħinijiet speċifikati. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li diġa' hemm ħinijiet stabbiliti mill-liġi dwar storbju li ma jibqgħax għaddej iktar mill-11.00 ta' bil-lejl. Sadanittant il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilitajiet biex inlaqqgħu l-Ispetturi kollha tal-lokal sabiex nressqu dawn u ilmenti oħra relatati. Is-Sindku qal jaqbel ma din il-proposta.

23.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li biex ikompli jżid ma dak li qed jgħid l-Kunsillier Spencer hemm problema ta' trailors li qed jitħallew fi Triq il-Ħaddiem. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar jekk il-Kavallerija tal-Pulizija hix qed tagħmel ir-rondi li konna qed naraw dawn l-aħħar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li r-rondi kienu għadhom qed isiru.

23.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li il-Kunsill għandu jassigura li jsiru tabbelli li ma jistgħux jipparkjaw trailors fil-postijiet kollha li dawn qed jitħallew. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

23.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar fix wasal il-Kunsill bl-intensive patching minħabba ħofor kbar u perikolużi. Apparti hekk hemm bżonn li mera minħabba l-blokok li tpoġġew fil-Moll tal-Braken. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li skond il-kuntrattur ix-xogħol tal-patching ser jibda mill-ġimgħa d-dieħla. Rigward il-mera l-Kunsill ser jieħu ħsieb li din issir.

23.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar kif ser taħdem l-iskema ta' għajnuna finanzjarja lil dawk li jitimgħu l-qtates fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm diversi feeders li huma min barra l-lokalita' li dawn għandna lista tagħhom bid-dettalji u ser ikun qed jibbenefikaw min dan l-ikel tal-qtates. Huwa qal ukoll li l-fondi ta' €8,000 huma imqassmin €5,000 xelters għall-qtates filwaqt li €3,000 ikel, liema ikel ser jinxtara bħala bulk mill-Kunsill u jitqassam. Il-Kunsillier Debono qal li jissuġġerixxi li jitqassam flyer fost ir-residenti għaliex hemm diversi Marsin li dawn effettivament jitimgħu l-qtates. Is-Sindku qabel ma din il-proposta.

23.4.8 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri xtaq irressaq proposta dwar jekk taħt il-Kunsill fi Ġnien 6 t' Awissu tkun tista' tingħalaq parti zgħira b'fence biex isir post fejn ikunu jistgħu jilgħabu l-klieb u b'ilma fejn ikunu jistgħu jixorbu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din il-proposta hija waħda pożittiva u l-Kunsill jista' jaħdem fuqha.

# *23.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 12/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *23.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

23.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kumitat tat-team tal-Football Marsa Trinity a.f.c ser jippublika kalendarju għas-sena 2021 u qed jistaqsu l-Kunsill jekk hux interessat jagħmel reklam għall-prezz ta' €100. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

23.6..2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qalu li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għandhom bżonn jagħmlu xi xogħolijiet fuq in-network billi jgħaddu xi cables fis-suffett. Wara diskussjoni ġie miftiehem li bit-teknoloġija li hawn illum huwa faċli li d-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali jinvesti f'konnessjoni wireless li ma jagħmel l-ebda tibdiliet fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

23.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Progett Tbissima qed titlob lill-Kunsill sabiex jintuża l-binja tal-Kunsill kull nhar ta' Gimgħa bejn il-5.00p.m u s-7.30p.m minħabba li l-binja li jużaw pġreżentament mhix kbira biżżejjed. Il-Kunsill japprezza ħafna x-xogħol li huma jwettqu fost it-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt l-vot favur li jużaw is-sala tal-Kunsill kien wieħed unanimu.

23.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumpanija Leon Promotions qed toffri programm għal żmien il-Milied iżda dan ser jiġi diskuss iktar il-quddiem f'item għall-attivitajiet għall-Milied b'differenza.

23.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumpanija 'The Notebook Centre' qed toffri pakkett ta' tiswija b'xejn lir-residenti tal-lokalita' li għall-Kunsill ikun jiswa €5,000 għal perjodu ta' sena. Wara diskussjoni ġie mifthiehem li l-Kunsill mhux lest jixtri dan il-pakkett. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.7 Manifest Elettorali - Rendikont*

23.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-punti ewlenin tal-Manifest Elettorali li huma bbażati fuq ir-Riġenerazzjoni tal-Menqa u l-għeluq tal-powerstation li din parti saret iżda l-oħra le u hawn tajjeb li l-Kunsill jagħmel laqgħa mall-Ministru l-ġdid tal-enerġija l-Onor Miriam Dalliu mall-Onor. Ian Borg Ministru tal-Infrastruttura. Sadanittant li l-għasses tal-Pulizja jibdew jimxu mall-konfini tal-lokalitajiet s-Sindku jaf biċ-ċert li din il-proposta qegħda ssir. Dwar Ġnien Belveder ser nitkellmu iktar tard, li terġa tinfetaħ il-Berġa bħalissa waqaf kollox minħabba l-Covid, li jkun hemm Day Care Centre dawn il-flus ma ħadnihomx u Sea Bins fil-lokalita' saret waħda minnhom. Dwar it-tisqif ta' Diċembru Tlettax il-Kunsill qed jmexxi mall-iskema tal-Slow Streets u biex isiru pontijiet pedonali dawn qed isiru min Infrastucture Malta.

23.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li dwar id-dar tal-anzjani fi Ġnien Belveder il-Kunsill għandhu japplika għad-devoluzzjoni, bil-permessi kollha f'idejh u bl-ispiża kapitali b'kollox u jressaqhom għand il-Ministru biex naraw jekk hemmx interess li dan ix-xogħol isir. Jekk naraw li m'hemmx interess allura l-Kunsill għandhu l-poteri kollha mogħtija lilu mill-liġi biex idur għall-privat għall-joint venture. Il-Kunsill qal ukoll li dwar il-pontijiet li qd isiru huwa ferm

importanti li dawn ikunu mdawwlin mhux bħal dawk li hemm f'Kordin u li jkollhom xi tip ta' sigurta'. Is-Sindku s-Sur Josed Azzopardi qabel ma din il-proposta.

23.7.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa ferm diffiċli li titkellem fuq il-manifest elettorali fi ftit ħin u japprezza jekk ikun hemm laqgħa informali bejn il-membri preżenti sabiex ikun hemm qbil fuq it-temi ewlenin. Wara dan l-eżerċizzju nlaqqaw il-Membri Parlamentari taż-żewġ naħat b'mod speċjali l-Ministri li jitilgħu min dan id-distrett. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jaħseb fuq dawn il-proposti u jressaqqhom fil-Kunsill.

## 23.8 Deċiżjoni tal-Arbitraġġ

23.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien inċident li jmur lura għas-sena 2011, ġo Triq li hija fil-konfini tal-Marsa, iżda li bil-liġi ma taqax taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill. Is-somma li l-Kunsill huwa mistenni li jħallas hija ta' xejn anqas min €6,000 apparti l-ispejjeż tal-avukati li ser inkunu mitluba nħallsu min Transport Malta u mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Is-Sindku tkellem mall-avukata dwar din is-sitwazzjoni u ressaq għall-attenzjoni tagħha il-mappa tal-lokalita' li tinsab f'Artiklu 363 tal-Kunsilli Lokali fejn hemm biċ-ċar li l-post imsemmi mhuwiex parti mir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Dan ser joħloq preċedent kbir għaliex dan ikun ifisser li l-Kunsilli Lokali ser ikunu responsabbli ta' kollox anke f'dawk il-postijiet li ma jaqgħux taħt il-Kunsill. L-avukata tal-Kunsill wara li semgħat dawn id-dettalji tkun lesta tagħmel appell tal-aħħar. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li l-Kunsill jaġixxi malajr għaliex hemm time limitation fuq dawn it-tip t'appelli u jekk ma jirnexxilux il-Kunsill ikun irid jikkunsidra li jagħmel ittra legali lill-Transport Malta għad-danni ta' Triq li mhix tiegħu. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 23.9 Deċiżjoni dwar Magażine tal-Lokal

23.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lill-membri preżenti dwar jekk humiex interessati li jkun hemm magazine tal-lokal. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill jista' jmexxi bil-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq mozzjoni li ġiet issekkondata mill-Kunsillier is-Sur Joseph Lia dwar bord editorjali li jkun kompost mis-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Francis Debono sabiex ikun hemm qbil dwar il-kontenut li jitqiegħed b'dan il-magazine. Il-vot favur din il-mozzjoni kien wieħed unanimu.

23.9.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jgħid liema huma l-quotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill. Dawn kienu kolla bbażati fuq 2,000 magazine b'16-il paġna bil-kulur A4. Il-kumpanija Best Print Co. Ltd għall-prezz ta' €1,029 inkluż 5% VAT, il-kumpanija Branded Juice għall-prezz ta' €1,491 (VAT inkluż), u finalment il-kumpanija Ability Publications Limited għall-prezz ta' €1,385 (VAT inkluz). Il-Kunsill kif mitlub bil-liġi għażel l-orħos offerta li kienet ta' Best Print co. Ltd. għall-prezz ta' €1,029. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.10 Photocopier Ġdida*

23.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-photocopier tal-Kunsill hemm bżonn tinbidel minħabba li qed ikollha ħafna ħsarat. Il-Kunsill għandhu diversi kwotazzjonijiet, madankollu huwa diffiċli titieħed deċiżjoni fuq photocopier partikolari peress li l-Kunsill kien ferm kuntent bid-ditta attwali għaliex damet isservi ħafna snin. Għaldaqstant wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie maqbul li l-Kunsill ikellem il-kumpanija li minnha kienet inxtrat il-printer attwali fil-possibilita' li ssir trade-in (tal-antika) u b'hekk il-prezz globali tal-ġdida ikun wieħed vantaġġuż. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.11 Bonus tal-Ħaddiema Klerikali u dettalji oħra*

23.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-performance appraisals tat-tliet impjegati klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppropona l'impjegati klerikali jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

23.11.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega xi dettalji relatati mall-ħaddiema li ser jidħlu fis-seħħ mis-sena 2021. Is-Segretarju spjega li s-Sinjura Dillian Adami ser tkun qed tibda taħdem full-time, is-Sinjura Leann Xuereb ser tkun qed titla' skala oħra min skala 11 għall-skala 10 kif inhu mitlub bil-liġi li wara ħames snin fl-istess skala titla' għal skala ġdida u finalment is-Sinjura Clair Grech ser tkun qed iżżid siegħa xogħol kuljum. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ mis-sala fis-7.00p.m

## *23.12 Premises Pulizija tal-Kommunita'*

23.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara taħdidiet li kellu mas-Supratendent huwa infurmat li l-Pulizija tal-kommunita' ser ikunu qed jaħdmu għal diversi ħinijiet fuq barra kif ukoll mill-għassa stess. Madankollu, kull ma huma ser ikollhom bżonn huwa mejda fil-Kunsill fejn jistgħu jilqgħu l-ilmenti għal ftit siegħat darba f'gimgħa. B'hekk ġie miftiehem li l-istess mejda li tintuża mill-uffiċjal tas-Sigurta' Soċjali tkun tista' tintuża' wkoll mill-pulizija u l-post jista' jiġi magħluq bil-ħġieġ. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.13 Sitwazzjoni ta' Ġnien Belveder*

*23.13.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-sitwazzjoni tal-proġett ta' Ġnien Belveder hija waħda li s'issa minkejja dan iż-żmien kollhu għadha ma ġietx konkluża. Ir-raġuni waħdanija tikkonċerna l-fondi li l-Kunsill kien qed jistenna min Ambjent Malta, li bil-fomm kienu mwegħda

€300,000 iżda fil-kuntratt li ġie ffirmat ma kien hemm l-ebda ċifra mmniżla. Il-Kunsill dejjem kien telaq bil-premessa li kien ser joħroġ madwar €100,000. Madankollu, Ambjent Malta u issa l-PARKS huma lesti jonoraw biss dak li hemm fil-kuntratt iffirmat, u b'hekk il-proġett bħalissa jinsab wieqaf. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill jrid jara l-possibilita' li jwaqqaf il-ftehim preżenti u jimxi fuq dak li ġie miftiehem fil-laqgħa mall-Ministru Aaron Farrugia fejn il-ġnien isir bit-turf kollhu u dan jista' jitgawda ferm aħjar anke mill-iscouts. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser jitlob li jkollu laqgħa ma l-Onorevoli Herera u Farrugia u jibqa jinforma l-Kunsill dwara.

## *23.14 Attivita' tal-Milied b'differenza*

*23.14.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jgħati dettalji ta' x'tip t'attivitajiet jistaw jsiru matul dan il-perjodu. Il-Kunsillier spjega li hemm żewgġ proposti, l-ewwel waħda hija tal-kumpanija Guggen Band fejn qed joffru attivita' ta' tlett siegħat b'xarabank li ddur madwar l-lokalita', b'madwar 15-il bandist jallegraw ir-residenti, u qabel ma tgħaddi din ix-xarabank ikun hemm Father Christmas li jdur madwar il-lokalita'. Il-prezz ta dan il-programm huwa ta' €3,000 li jinkludi kollox. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

23.14.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kumpanija Leon Promotions qed jorganizzaw karru zgħir bil-Father Christmas li jdur mat-toroq tal-lokalita' u jdoqq id-diski tal-Milied għall-prezz ta' €240. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-ewwel il-Kunsill jistaqsi jekk l-iscouts tal-lokalita' jistgħux jagħmlu xi ħaġa simili u jekk le l-Kunsill jistgħa jqabbad tal-Leon Promotions. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.15 Jum il-Marsa 2021*

*23.15.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minħabba l-pandemija Jum il-Marsa ma tistgħax tiġi ċċelebrata bħas-soltu u għalhekk għandha ssir quddiesa għall-okkazjoni. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-quddiesa ssir fil-Paroċċa tas-Ssma. Trinita' u li jekk ikun hemm aċċettazjoni mill-Kappillan jistgħu jsiru n-nominazzjonijiet u wara video qasir biex b'hekk ikun hemm biżżejjed ħin bejn il-quddiesa tal-10.00a.m u tal-11.30a.m. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *23.16 Laqgħa Pubblika*

*23.16.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ki stipulat bil-liġi l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel laqgħa pubblika, iżda peress li l-estimi annwali għadhom ma waslux mid-Dipartiment f'idejn il-Kunsill ikun ferm aħjar jekk il-laqgħa ssir f'Jannar u speċifikament fid-19 ta' Jannar. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u vot favur kien unanimu.

## *23.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

23.17.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Jannar fit-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |